**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 117/97

Patrick Dato Mallia

vs

Malta Development Corporation

Illum 10 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, sofra ingustizzji fl-impieg u huwa spicca biex gie sfurzat jittermina l-impjieg tieghu.

Illi huwa kien ilu fl-impieg mal-MDC ghal 15 il-sena u fil-1987 kien Senior Manager. Bhala rapprezentant tal-MDC, huwa kien mahtur Direttur f'diversi kumpaniji, fosthom Bank of Valletta, Verdala Hotel, Dragonara Hotel, Mediterranean Conference Centre u l-N.T.O.M.

Illi wara l-Elezzjonijiet tal-1987 l-MDC nehhietu minn Direttur minn kullimkien, assenjatlu xoghol inferjuri ghall-grad tieghu, assogettatu li jinghata ordnijiet minn impjegati inferjuri ghalih, ittrasferitu f'Dipartimenti Governattivi, u fl-ahhar eziljatu f'ufficcju fil-hames sular, minghajr ma gie ipprovdut lilu desk, siggu u telefon.

Illi di piu` saru allegazzjonijiet kontrieh u qatt ma nghata l-opportunita' xierqa li jiddefendi r-reputazzjoni tieghu.

Illi fl-ahhar tal-1990, l-MDC taghtu ittra bit-terminazzjoni tal-impjieg. Meta huwa wera li ser jikkontestha, gie mgharraf li jekk jaghmel dan, l-MDC kienet ser tipprova li l-mara tieghu kellha xi sehem f'fabbrika tat-tessuti li kienet giet mghejjuna. Huwa qatt ma kien f'qaghda li seta jinfluwenza lill-MDC fid-decizjonijiet lil min taghti l-ghajnuna. Huwa qatt ma kellu ebda warning, reprimand jew xi passi dixxiplinarji mehuda kontrih. Kien jidher car li l-MDC riedet tkeccieh.

Illi huwa kien "depressed' bl-imgieba tal-MDC mieghu, u kien jidher car li r-raguni ghal din kienet ghaliex huwa kien fdat mill-Gvern precedenti, kien hadem qrib Ministri u specjalment il-Prim Ministru u stinka fix-xoghol tieghu. Ghalhekk kien qed jigi vittimizzat.

Illi huwa ried jikkontesta t-terminazzjoni ingusta tal-impieg, izda inghata parir legali, li ma seta' qatt jigi re-integrat fl-impieg mhabba li kien jokkupa grad ta' fiducja u ghalhekk l-employer seta jitterminalu l-impieg. In oltre, mhabba l-professjoni tieghu, kontestazzjoni legali setghet tkun ta' hsara ghar-reputazzjoni tieghu. Ghalhekk huwa gie kostrett li jaghzel jirrizenja minflok l-impieg tieghu jigi tterminat.

Ghaldaqstant ir-rikorrent fil-waqt li gab il-premess a konjizzjoni tat-Tribunal, talbu li jinvestiga l-kaz ta' ingustizzji li ghalihom huwa gie assoggettat u jaghti r-rimedji xierqa fosthom li jigi rrakkomandat li r-rikorrent jigi re-integrat fl-impieg tieghu u li jinghata kumpens xieraq ghat-telf kollu li r-rikorrent garrab u dana skond il-provdimenti tal-att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata li eccepiet:

Illi preliminarjament it-talbiet ta' l-intimat huma nulli stante li dak li qed jallega l-intimat u cioe' tkeccija mill-impieg jew ossija "rizenja sfurzata mill-impieg" ma tinkwadrax ruhha fit-termini tal-kazijiet li dan it-Tribunal ghandu s-setgha li jisma' skond artikolu 6 ta' l-Att VIII tal-1997. Dan ghaliex l-allegata ingustizzja li dwarha qed jilmenta r-rikorrent la ghandha x'taqsam ma "hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti" la ma dhul fl-impieg u lanqas ma licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost fl-ittra ta' rizenja tar-rikorrent mill-impieg mal-Korporazzjoni intimata, ir-rikorrent kien iddikjara li ma kellu l-ebda claim kontra l-Korporazzjoni intimata.

Illi fi kwalsiasi kaz dwar l-allegata tkeccija ingusta mill-impieg, ir-rikorrent seta' kieku ried fittex rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali jew il-Kummissjoni dwar l-Impiegi li ghandhom is-setgha moghtija

lilhom mill-ligi biex jiehdu konjizzjoni ta' tali lment u huwa ghalhekk kontrasens li r-rikorrent qed ifittex li jinghata rimedju minn Tribunal li m'ghandux setgha skond il-ligi li jiehu konjizzjoni ta' l-isemmi ilment.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrent fil-mertu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fil-11 ta' Marzu, 1988 dan it-Tribunal iddecida dwar l-eccezzjoni preliminari fis-sens li kien kompetenti biex jezamina xi aspetti ta' l-ilment.

Xehed ir-rikorrent u semma li ghall-habta tal-1987 kien impjegat mal-Malta Development Corporation u kien ilu jahdem mall-Korporazzjoni ghal madwar 15-il sena u dak iz-zmien kellu l-kariga ta` senior manager. Salarju kellu mas-LM600 plus li kellu xi sitt directorships li flimkien kienu jlahhqu LM3600 ohra u ghalhekk total kellu mad-LM9500.  Kien

anke konsulent tal-Ministru tat-Turismu u gieli ghamel xi konsulenzi lill-Prim Ministru. Wara l-1987 bdew hafna ordinijiet fuqu u l-atmosfera kienet impossibbli in kluz li nies tahtu kienu jtuh l-ordnijiet. Nehhewlu d-directorships ftit ftit, gew transfers u spicca mill-M.D.C. u tefghuh f` kerrejja l-Belt. Gie izolat. Qabel dan it-transfer, ghax dan kien it-tieni transfer l-ewwel kien gie trasferit mal-Ministry of Trade taht it-Trades. Kien hemm ufficcju San Gwann b` kamra zghira. Pero` imbaghad dwar dan it-tieni transfer kien izolat u bla telephone, kwazi bla mejda u bla siggu, ufficcju qisu kerrejja pero` fih erbgha` sulari u bla lift.

Ma tawh ebda raguni la verbali u anqas bil-miktub ghaliex. Din kienet taghmel parti mis-sezzjoni tat-trade, suppost biex jinvestigaw il-levies. Mieghu f`dan id-dipartiment kien hemm Mario Vella li l-Kummissjoni tal-Impiegi qalet li kien gie stmat b` mod diskriminatorju kontra tieghu, kif ukoll Vladimir Cini, Mr. DeGaetano u Wally Vella Zarb. Prattikament kienu eziljati hemmhekk b` ordni biex ma jersqux lejn l-M.D.C. Sostna li c-chairman ta` dak iz-zmien kien qallu li hu gie biex itertaq lill-laburisti. Zien li l-acting chairman kien qallu “jew tirrizenja jew inkeccik.” Semma li kien spicca b` tensjoni kbira u anke kont gie hospitalised. Affettwalu l-lifelihood tieghu ghax anke tal-eta` tieghu mhux facli li ssib job gdid.

Michael Soler li kien chairman tal-Malta Development Corporation bejn Gunju 1987 sa Gunju 1990 xehed li jaf lir-rikorrent u li dan kien financial controller mal-Malta Development Corporation fiz-zmien li kien hemm hu. Semma li dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mal-Malta Development Corporation ma jaf xejn. Ma kellux x` naqsam mal-bicca xoghol. Dwar politika qatt ma tkellem mar-rikorrent. Cahad li hu

qatt qall li jtertaq lill-laburisti. Dwar it-trasferiment tieghu minn financial controller l-aktar decizjoni li affettwat kien il-fatt li dak iz-zmien l-officini tal-Furjana kien wasal biex jaghlqilhom ic-cens u fil-fatt hadd ma gab dan ghall-attenzjoni tal-bord tad-diretturi dwarha. Naturalment din kienet bazi ta` sistema, li kien hemm sistema hazina fl-accounts division li kawza taghha l-MDC baghatiet u ghalhekk peress li r-rikorrent kien il-financial controller kienu hassew li l-izball bazikament kien gej minn dik in-naha u li allura m` ghandux jibqa` aktar financial controller. Id-dannu finanzjarju li gie sostnut mill-MDC kien fis-sens li l-MDC kienet hadet b` cens il-blokk kollu u kienet tissulloka partijiet minnu u ghalhekk batiet id-differenza tal-flus li kienet iddahhal minnu l-MDC u ghalhekk kellha dannu zghir l-MDC kawza ta` dan. Fil-fatt il-corporation kellha l-option li ggedded il-kirja, hadd ma gabha ghall-attenzjoni tal-bord u ghalhekk l-MDC tilfet id-differenza fil-kirjiet fl-ammonti li kienet iddahhal ghal dak li kienet qieghda thallas. Fil-fatt ma kenitx "brought to the attention of the board" fiz-zmien necessarju ghax wara li skadiet l-option imbaghad kienet giet sollevata. Kien hemm hafna mill-parti li kienet mikrija lill-MDC li ma kenitx qieghda tigi uzata. Il-manager tal-MDC dak iz-zmien kien Andre` Camilleri u hu kien jezegwixxi d-decizjoni tal-bord dwar postings. Ma jafx jekk kienx hemm cirkostanzi ohrajn li wasslu ghar-rizenja tar-rikorrent.

Mary Cauchi personnel officer esebiet lista tal-appointments li kellu r-rikorrent mal-Malta Development Corporation.

<u>Wally Vella Zarb</u> li kien ufficjal mal-Malta Development Corporation u fil-prezent jokkupa l-grad ta` Senior Technical Advisor xehed li fl-1987 kellu diversi nomini bhala direttur u wara l-elezzjoni tal-1987 spicca

minghajr telephone, minghajr skrivanija, bla ufficcju u infatti kien anke spiccajt is-CCU kawza ta` dan. Spicca il-House Of Catalunya, wara l-Furjana, wara trasferit il-Mimcol u trasferit f` diversi kumpaniji inkluz f` Ghawdex. In segwitu spiccaw South Street, inkluz ir-rikorrent, Mario Vella, Martin Testa, Frans Mifsud, Paul Vella, Edward Caruana. Fil-maggor parti dawn in-nies kellhom thaddin politiku laburist. Semma li kien hemm min dahal warajh u f` temp ta` sentejn, tlieta, sar general manager.

Martin Testa manager l-MDC u ilu l-MDC mill-1979 xehed li qabel l-elezzjoni tal-1987 kien segretarju f` diversi sezzjonijiet tal-MDC pero` f` Awissu 1987 twarrab u spicca flimkien ma` Dr. Mario Vella f` basement fl-Auberge d` Aragon fejn il-kavallieri kienu jrabbu z-zwiemel. Damu hemmhekk sa Marzu 1989 meta gew trasferiti ghal 43 South Street il-Belt u kienu hemm hu, Vladimir Cini, u Mario Vella u sa Novembru 1989 fil-fatt kienu huma t-tlieta minghajr ghamara, minghajr telephones, minghajr deskijiet u kwazi go flat vojt. Wara Novembru 1989 dahlu xi nies ohra, dahlet xi ghamara, l-affarijiet trangaw xi ftit pero` xorta wahda baqghu minghajr xoghol li kien kommizerat mal-grad taghhom. Qal li ma jafx ghaliex ir-rikorrent kien spicca jahdem minn South Street.

Dr. Mario Vella xehed li kien jahdem mal-Malta Development Corporation, u li wara l-1987 qatta perjodu f` wiehed mill-kmamar l-ewwel fil-House of Catalunya u mbaghad 46, South Street, Valletta. Il-pozizzjoni kienet orribbli b` mod li wiehed ma setax jahdem. Ma kienx hemm anqas kwazi ghamara u kienu qeghdin hemmhekk f` diffikultajiet kbar. Fl-1989 ghall-habta ta` nofsha kien inhatar local manufacturers` promotions board u l-pozizzjoni ghalkemm baqghet hazina, immiljorat

hafna. Wiehed minn nies li kien gie fl-1989 kien ir-rikorrent. Huma ma kinux moghtija x-xoghol li kien tar-rank taghna izda ghall-anqas il-pozizzjoni kienet ftit ahjar. Dwar ir-rikorrent ezattament ma jafx pero` certament ma kienx qieghed jaghmel ix-xoghol ta` Financial Controller li kien qieghed jaghmel qabel l-1987. Xoghol ir-rikorrent kien ta` financial controller u xogholu kien jaghmlu dejjem sewwa. Jiena qatt ma kelli problemi mieghu avolja dan huwa xoghol ta` routine u naturalment ikollok bzonn il-verifikazzjoni dwar accounts, dwar pagamenti minn zmien ghal zmien u xogholu qatt ma sibt problemi fih.

Zied li qatt ma sema lir-rikorrent jghid xejn fuq politika. Kellu l-impressjoni li r-rikorrent certament ma kienx kontra l-Gvern ta` dak iz-zmien u jidher li kellu l-kunfidenza tal-Ministri koncernati. Dawk kollha li kienu taw servizz tajjeb fl-MDC u li kienu hadmu b` mod serju fil-fatt wara l-elezzjoni tal-1987 kienu gew emarginati.

Gie esibit affidavit tal-<u>Onor Perit Karmenu Vella</u> li semma li jaf lir-rikorrent mill-1983. Dak iz-zmien kien Ministru tal-Industrija u ghalhekk responsabbli mill-Malta Development Corporation. Semma li r-rikorrent kien jokkupa l-pusizzjoni ta' Senior Manager u kkonferma li r-rikorrent kien "a hard working person, has always performed hits duties with great honesty and professionalism and I have not the least doubt that he was a man of high integrity. He was also appointed Director of various companies and Institutions including the National tourism Organisation, Verdala Hotel, Mediterranean Conference Centre and various others…"

Dr. Andre Camilleri xehed li hu dahal mal-Malta Development Corporation f` Novembru 1987 bhala legal advisor. Ghall-habta ta` Lulju tal-1989 jiena sar General Manager tal-istess MDC, u dam sal-ahhar tas-sena 1993 fl-MDC. Semma li caqlieq fl-MDC kien hemm hafna minn post ghall-iehor u ta` diversi individwi. Ta ezempju ta` dan meta 50 ruh gew sekondati mill-MDC ghall-Works Department u dan biex jaghmlu xoghol mal-Works Department, kif ukoll meta 22 ruh li l-Gvern talab lill-MDC biex tamministra l-levies board.

Lir-rikorrent jafu u jiftakru l-MDC. Deherlu li f` xi punt gie trasferit lejn enti li kien qieghed jaghmel xoghol f` ufficcju l-Belt f` San Gwann. Fil-kaz tar-rikorrent ma ftakarx li kien maghruf li jhaddan xi twemmin politiku partikolari jew li kien apertament jghid li jhaddan xi twemmin politiku partikolari u jekk sar xi secondment jew trasferiment tar-rikorrent pjuttost li minhabba ragunijiet li kien hemm tgergir fuq kif kien qieghed jaqdi certu funzjonijiet tieghu bhala financial controller. Kien hemm persuni ohra li kienu jhaddnu u apertament jghidu li huma ta` certu twemmin u jaf li kienu gew sekondati jew nghataw trasferimenti ghal dik ir-raguni.

Semma li meta dahal fl-MDC jiftakru bhala financial controller tal-MDC. Fil-fatt meta spicca r-rikorrent minn dik il-kariga l-pozizzjoni ma mtlietx pero` kien hemm minnfloku s-second in command li kien is-Sur Benny Vidal li kien ilu jaqdi dik il-funzjoni ghal xi 9 snin fil-fatt baqa` jaghmel ix-xoghol hu. Qal hekk: “Mistoqsi jekk kienx hemm xi kaz ta` diffikultajiet mas-Sur Dato Mallia nirrispondi li bazikament wahda kienet fuq il-fatt li fil-kariga tieghu ta` financial controller ma kienx ezattament jiggwida lis-sezzjoni tieghu izda anzi meta kienu jinqalghu

problemi kwazi kwazi kienu jigu indikati n-nies li kienu tahtu minnflok ma kien jassumi r-responsabbilta` hu tal-procedura ghax hu fil-kariga tieghu kellu jassumi l-pozizzjoni li jiggwida lill-ohrajn. Kien hemm garr kontra tieghu anke minn xi diretturi fil-fatt li ma kienx hemm certu accountability tittiehed minnu. Kien hemm il-problema l-ohra li meta giet biex tigi likwidata l-pensions scheme tal-MDC fil-fatt ir-rikorrent kien ghamel kampanja shiha fost l-impjegati biex din ma tigix accettata. Eventwalment fil-fatt giet accettata u l-impjegati kollha kienu sarrfu c-cekk li kien gie mahrug lilhom… Dwar il-kaz ta` Development House tal-Furjana ghandi nghid li fil-fatt ghandi l-impressjoni li r-rikorrent ma kienx ghadu hu financial controller tal-MDC meta graw l-affarijiet pero` niftakar li kien hemm complaint minn naha tan-nies inkarigati li ma kienx hemm diary system effettiva biex wiehed ikun jaf dwar il-propjetajiet meta jaghlqu c-cnus taghhom u l-kirjiet taghhom fis-sens li kieku kienet tigi individwata l-fatt li kellha tintbaghat in-notice lill-landlords dwar it-tgdid tac-cens ta` Development House…Min kien induna biha l-bicca xoghol li suppost tajna n-notice kien is-Sur Benny Vidal pero` meta kien induna kien tard wisq…Nikkonferma li padrun dirett dwar Development House kienet kumpanija ta` Gasan…"

<u>Professor Harper</u> li kien konsulent mal-Malta Development Corporation bejn 1988 u 1990 jahdem fuq human resources u MDC Organisation. Lir-rikorrent jafu bhala chief accountant, u ghalkemm ma kienx involut direttament mieghu kien jiltaqgha mieghu ta' spiss. Jiftakar lir-rikorrent involut sewwa fl-MDC. Xehed li "The MDC is a pretty political place. However, I did not see any special political discrimination against Mr. Dato Mallia. I do not know of any reports against Mr. Dato Mallia. I did not have any adverse comments against Mr. Dato Mallia by the top

management of MDC. I must state that I was working at the MDC in full time capacity and if there were any gossips or rumours I would have heard about problems relating to human resources.

Development House was in Floriana and I know that there were some problems in connection with the lease of Development House I do not know anything in connection with applicant Dato Mallia in this regard.

Il-Prof. Joseph Bannister semma li dwar il-kaz tar-rikorrent ftit li xejn kellu x' naqsam mieghu. Il-kaz kien semmihulu d-Deputy Chairman u Kap Ezekuttiv tal-Malta Development Corporation, is-Sur Philip Rizzo. Izda dak li semma kien meta r-rikorrent kien sekondat mal-Bord ghal Promozzjoni ta' l-Industrija Lokali. Hafna zmien wara xi hadd kien qallu li s-Sur Dato Mallia ma kienx ghadu jahdem l-MDC.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq diversi aspetti izda bazikament jista' jinghad li hu lmenta li wara l-elezzjoni generali tal-1987 u l-bdil fil-Gvern l-MDC:

1) Nehhietu minn direttur f' diversi kumpaniji
2) Assenjatlu xoghol inferjuri ghall-grad tieghu
3) Assoggetat li jinghata ordnijiet minn impjegati inferjuri ghalih
4) Ittrasferietu f' dipartimenti Governattivi
5) Gie eziljat f' ufficcju fil-hames sular minghajr ma kien provvdut b' desk, siggu u telephone
6) Saru allegazzjonijiet kontrieh minghajr ma nghata l-opportunita` xierqa jiddefendi ruhu

7) Gie kostrett jirrizenja u ghalhekk talab ir-re-integrazzjoni fl-impjieg tieghu

Illi ghalhekk hu necessarju li dan it-tribunal jezamina dawn is-seba' aspetti wiehed wiehed.

Dwar l-ewwel aspett tal-ilment u cioe` li l-MDC nehhietu minn direttur f' diversi kumpaniji jinghad li l-Kap. 394 fl-Artikolu 6 (2) ma jipprovdix fuq dawn l-affarijiet. Inoltre d-Directorships, kif irrizulta waqt id-depozizzjonijiet waqt il-kors tal-kawza, ma kienux jipprovdu parti mill-kuntratt tal-impjieg li r-rikorrent kellu mal-korporazzjoni intimata. Jinghad ukoll li hafna minn dawn il-hatriet kienu jsiru mill-Ministeri u entitajiet governattivi ohra li m' humiex parti fil-kawza. Kienu wkoll ta' natura fiducjarja u ghalhekk kull Gvern ghandu dritt li wara bidla tal-amministrazzjoni jinnomina persuni ohra ta' fiducja tieghu basta tali fiducja tkun gustifikata. It-Tribunal f' diversi okkazzjonijiet iddecieda li hemm diversi aspetti bhal Directorships li ma humiex ta' kompetenza tieghu. L-istess principju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga. Illi ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li dan l-aspett jezorbita mill-kompetenza tieghu.

Dwar l-aspett li r-rikorrent gie assenjat mill-MDC xoghol inferjuri ghall-grad tieghu rrizulta li r-rikorrent ma baqax fil-kariga ta' Financial Controller. Bhala raguni ta' dan intqal minn Dr. Andre Camilleri li r-rikorrent ma kienx jiggwida lis-sezzjoni tieghu u ma kienx jassumi r-responsabbilta` hu tal-proceduri. Intqal li ma kienx hemm certu accountability kif ukoll ma kienx gibed l-istess linja tal-korporazzjoni fil-kwistjoni tal-pensions scheme. Dr. Camilleri semma wkoll li r-rikorrent ma kellux x' jaqsam mal-kaz ta' Development House u li anqas kien ghadu Financial Controller hu meta qam il-kaz izda c-Chairman Michael Soler sostna li t-trasferiment tieghu minn Financial Controller l-aktar decizjoni li affettwat kien il-fatt li dak iz-zmien l-ufficini tal-Furjana kien wasal biex jaghlqilhom ic-cens u hadd ma gab dan ghall-attenzjoni tal-Bord tad-Diretturi dwarha. Illi ghalhekk jidher car li tali tnehhija tar-rikorrent mill-grad ta' Financial Controller giet moghtija ragunijiet diversi minn persuni differenti u jidher li r-raguni vera kienet li l-Gvern il-gdid ma tantx kellu fiducja fir-rikorrent filwaqt li l-Gvern precedenti - l-Onor. Perit Karmenu Vella - kien jikkunsidrah bhala haddiem kapaci u professjonali. Dan it-Tribunal ma jqisx il-fatt wahdu li r-rikorrent ma baqax aktar Financial Controller bhala ingustizzja, izda jekk fil-fatt wiehed iqis it-trasferiment tieghu u x-xoghol li sussegwentement gie assenjat lilu f' dak il-kaz jista' kollox f' daqqa jammonta ghal ingustizzja kif ser jinghad aktar 'l isfel taht l-aspett tat-transfers.

Ir-rikorrent ilmenta dwar il-fatt li gie assoggettat li jinghata ordnijiet minn impjegati inferjuri ghalih u dan semmieh ukoll fix-xhieda tieghu u jsemmi lis-Segretarja tac-Chairman, Benny Vidal li kien assistent tieghu, u xi messaggier izda hawnhekk it-Tribunal ihoss li l-ilment mhux

gustifikat ghax spiss is-segretarji tal-Managers jew Chairmen ikunu qieghedin jinfurmaw lill-persuna bid-decizjoni tal-kap taghhom u hu difficli ghal dan it-tribunal li minghajr ma l-istess segretarja telghet tixhed jasal ghal xi konkluzjoni dwar dan l-aspett. It-Tribunal inoltre jhossha stramba li wara li saret l-imsmemija allegazzjoni Benny Vidal ma giex kontro ezaminat fuq dan l-aspett. Dwar messaggiera r-rikorrent anqas biss specifika min huma u ghalhekk dan it-Tribunal jichad dan l-aspett.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll dwar li gie trasferit f' dipartimenti governattivi. Dan it-Tribunal fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Ir-rikorrent semma li wara l-elezzjoni tal-1987 kien gie trasferit ghall-Ministry of Trade f' ufficcju zghir. Wara gie trasferit f' kerrejja l-Belt izolat, kwazi bla mejda u bla siggu u bla telephone u minghajr ma nghata raguni ghaliex saru t-transfers. Spicca f' ufficcju South Street fejn kienu gew emarginati diversi nies li hafna minnhom ma kellhomx il-fiducja tal-Gvern tal-gurnata. Apparti li mhix cara xejn il-kwistjoni dwar il-kirja ta' Development House u specjalment ta' min kienet ir-responsabbilta` fin-nuqqas tat-tigdid tal-kirja ma qablux ic-Chairman u l-Manager dwar jekk ir-rikorrent kellux ir-responsabbilta` dwarha. Ghalhekk din ma tistax titqies bhala raguni valida ghal transfer. Jekk se mai ir-rikorrent ma baqax igawdi l-fiducja tan-nies li kienu qieghedin imexxu xorta wahda ma kellux jintbaghat f' ufficcju li b' ebda mod ma kien idoneju ghar-rank tieghu u minghajr kumditajiet kif suppost. Ghalkemm ir-rikorrent kien hemm xi nies li ma kienux jarawh b' lenti daqshekk tajba gew prodotti diversi xhieda li semmew il-kapacitajiet pozittivi tieghu. Hawnhekk it-Tribunal qed iqis ukoll il-hames aspett tal-ilment u cioe` fl-ufficcju ta' fejn intbaghat. Meta wiehed iqis it-transfer flimkien ma' dak li ntqal fuq u cioe` dwar l-aspett li hu gie assenjat xoghol inferjuri ghall-grad tieghu it-tribunal ihoss li taht dan l-aspett l-ilment huwa gustifikat u f' dan l-aspett jichad ghalhekk l-eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata.

Nigu issa ghas-sitt aspett tal-ilment tar-rikorrent u cioe` li saru allegazzjonijiet kontrieh minghajr ma hu nghata opportunita` xierqa biex jiddefendi r-reputazzjoni tieghu. It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fuq dwar kompetenza u peress li jhoss li dan l-aspett ma jinkwadrax ruhu fis-setghat tat-Tribunal kif specifikati fl-Artikolu 6 tal-Kap. 394 jilqa' l-eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata. L-istess mod ir-rizenja tar-

rikorrent tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal u ghall-istess motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata.

Illi ghalhekk isib li l-ilment huwa gustifikat biss f' dak li ghandu x' jaqsam mat-transfer li r-rikorrent gie moghti kif ukoll inkluz taht dan l-aspett il-fatt li gie mibghut f' ufficcju mhux idoneju u b' kumditajiet mhux adegwati. Peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira [LM3000].

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.